**289. Il-Ministru għall-Finanzi jipproponi:**

BILLI l-Att dwar ir-Responsabiltà Fiskali (Kap 534 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprovdi għal riżerva ta' kontinġenza;

U BILLI dak l-Att jipprovdi ukoll illi l-ġbid mir-riżerva ta' kontinġenza għandu jsir biss f'ċirkostanzi urġenti, temporanji u imprevisti wara proposta mingħand il-Ministru għall-Finanzi bl-approvazzjoni tal-Prim Ministru;

U BILLI okkorrew ħtiġijiet urġenti, temporanji u imprevisti għall-infiq illi mhuwiex provdut għalih fl-Estimi Finanzjarji għas-sena 2015;

U BILLI l-ammont ta' ġbid mir-riżerva ta' kontinġenza meħtieġ huwa ta' tmien miljuni, mitejn u tnejn u sebgħin elf Euro (€8,272,000);

U BILLI għalhekk huwa meħtieġ illi l-istess ammont ta' tmien miljuni, mitejn u tnejn u sebgħin elf Euro (€8,272,000) jinġibed mir-riżerva ta' kontinġenza u li jiġi applikat ammont ekwivalenti kif jidher hawn taħt:-

- **Vot Rikorrenti 28 Ministeru għall-Finanzi, *Item 5410 EU Own Resources-* €8,272,000**

U BILLI l-Kap 534 jipprovdi ukoll illi kwalunkwe ġbid mir-riżerva ta' kontinġenza għandu jkun preżentat lil din il-Kamra għall-approvazzjoni finali tagħha;

ISSA GĦALHEKK din il-Kamra tirriżolvi illi tapprova l-ġbid mir-riżerva ta' kontinġenza ammontanti għal tmien miljuni, mitejn u tnejn u sebgħin elf euro (€8,272,000) kif imfisser f'din ir-riżoluzzjoni.

4.12.15